



Brussell, 13 ta' Frar 2025
(OR. en)

6215/25

**Fajl Interistituzzjonali:
2024/0249(COD)**

**VOTE 4
INF 14
PUBLIC 4
CODEC 131**

NOTA

Suġġett:

- Riżultat tal-votazzjoni
- REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) 2023/1115 fir-rigward tad-dispożizzjonijiet relatati mad-data tal-applikazzjoni

= Adozzjoni tal-att leġislativ
= Eżitu tal-proċedura bil-miktub konklużiva fit-18 ta' Diċembru 2024

L-eżitu tal-votazzjoni dwar l-att leġislativ imsemmi hawn fuq jinsab fl-Anness 1 ta' din in-nota.

Dokument ta' referenza:

PE-CONS 98/24
data tad-deċiżjoni li tintuża l-Proċedura bil-Miktub mill-Coreper,
11 ta' Diċembru 2024.

Id-dikjarazzjonijiet u/jew l-ispejgazzjonijiet tal-vot jinsabu fl-Anness 2 ta' din in-nota.



General Secretariat of the Council

Institution: **Council of the European Union**
Session:
Configuration:
Item: **2024/0249(COD)** (Document: **98/24**)
Voting Rule: **qualified majority**
Subject: **REGULATION OF THE EUROPEAN PARLIAMENT AND OF THE COUNCIL amending Regulation (EU) 2023/1115 as regards provisions relating to the date of application**

Vote	Members	Population (%)
Yes	27	100%
No	0	0%
Abstain	0	0%
Not participating	0	
Total	27	

Sitting date: **18/12/2024**

Final result



Member State	Population (%)**	Vote	Member State	Population (%)**	Vote
BELGIQUE/BELGIË	2,61		LIETUVA	0,63	
БЪЛГАРИЯ	1,44		LUXEMBOURG	0,15	
ČESKO	2,40		MAGYARORSZÁG	2,13	
DANMARK	1,31		MALTA	0,12	
DEUTSCHLAND	18,72		NEDERLAND	3,99	
EESTI	0,30		ÖSTERREICH	2,02	
ÉIRE/IRELAND	1,15		POLSKA	8,37	
ΕΛΛΑΔΑ	2,31		PORTUGAL	2,33	
ESPAÑA	10,67		ROMÂNIA	4,23	
FRANCE	15,11		SLOVENIJA	0,47	
HRVATSKA	0,85		SLOVENSKO	1,21	
ITALIA	13,25		SUOMI/FINLAND	1,24	
ΚΥΠΡΟΣ	0,20		SVERIGE	2,34	
LATVIJA	0,42				

* When acting on a proposal from the Commission or the High Representative, qualified majority is reached if at least 55 % of members vote in favour (15 MS) accounting for at least 65% of the population.

** Indicative percentage of the population of the Union (%). The qualified majority is calculated in accordance with the population figures adapted each year.

For information: <http://www.consilium.europa.eu/public-vote>

Dikjarazzjoni mill-Awstrija

L-Awstrija għandha l-istess għanijiet ġenerali tar-Regolament tal-UE dwar id-Deforestazzjoni (EUDR), li jintemmu d-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti madwar id-dinja. Jeħtieġ li dawn l-għanijiet jinkisbu b'miżuri proporzjonati u effiċjenti, u billi r-riżorsi u l-isforzi ta' infurzar jiġu ffukati fir-reġjuni fejn fil-fatt qed issir deforestazzjoni. Dan jinvolvi piż amministrattiv minimu kemm għan-negozji kif ukoll għall-awtoritajiet, u jeħtieġ li b'mod partikolari japplika għal pajjiżi b'riskju baxx ta' deforestazzjoni, filwaqt li tingħata ċertezza legali lill-atturi kollha tul il-katina tal-valur. Għalhekk l-Awstrija kienet fost l-ewwel li sejħiet biex tiġi posposta d-data tal-applikazzjoni tal-EUDR, u tirreferi għan-nota tagħha mressqa taħt "Affarijiet oħra" fil-Kunsill AGRIFISH tas-26 ta' Marzu 2024.

L-Awstrija tilqa' l-fatt li seta' jintlaħaq qbil li jipprevedi posponiment b'sena tad-data tal-applikazzjoni tal-EUDR, kif ukoll ir-rieżami previst mill-Kummissjoni sa Ġunju 2028 biex jiġu analizzati miżuri addizzjonali biex jiġi ssimplifikat u jonqos il-piż amministrattiv, u għalhekk ser tivvota favur it-test. Fl-istess ħin, l-Awstrija jiddispjaċiha li ma kienx hemm biżżejjed ħin biex jiġu diskussi aktar simplifikazzjonijiet amministrattivi. Matul il-perjodu ta' tranżizzjoni estiż, jeħtieġ li tkompli l-ħidma fuq it-tiġib u l-iżvilupp ta' soluzzjoni sempliċi u Prattika biex jiġi implimentat ir-regolament, filwaqt li b'mod partikolari jitqiesu l-SMEs u jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi u ġusti. Jeħtieġ li jiġu evitati kundizzjonijiet kompetittivi inġusti għall-kumpaniji Ewropej, speċjalment b'Sistema ta' Informazzjoni tal-EUDR li tiffunzjona tajjeb li tkun imfassla apposta għall-ħtiġijiet tan-negozji tul il-katina tal-valur.

L-Awstrija tappella lill-Kummissjoni tkompli ttejjeb il-mistoqsijiet frekwenti u l-Linji Gwida f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u s-setturi ekonomiċi affettwati mill-EUDR.

Dikjarazzjoni mill-Iżvezja

Minn meta ġie adottat ir-Regolament, l-Iżvezja kkontribwiet għal ħidma kemm formali kif ukoll informali biex jiġu ċċarati d-diversi ambigwitajiet tiegħu. Minħabba l-inċertezzi li fadal, l-Iżvezja ilha minn Frar 2024 titlob li d-data tal-applikazzjoni tiġi posposta sabiex tkun tista' ssir implimentazzjoni ordnata u b'ċertezza legali għall-persuni ġuridiċi u fiżiċi. L-Iżvezja tqis li l-proposta tal-Kummissjoni għal posponiment ta' 12-il xahar hija inqas minn dak li huwa meħtieġ, b'mod partikolari għall-bdiewa b'azzjendi agrikoli żgħar f'pajjiżi terzi. Jeħtieġ ukoll li s-sistema ta' informazzjoni tal-Kummissjoni tiffunzjona b'mod effettiv qabel ma jibda japplika r-Regolament, sabiex in-negozji jkunu jistgħu jadattaw l-operat tagħhom. Barra minn hekk, id-dokument ta' gwida tal-Kummissjoni u l-mistoqsijiet frekwenti ġodda jintroduċu aktar inċertezzi li jeħtieġ jiġu ċċarati ferm qabel ma jibda japplika r-Regolament.

L-Iżvezja tqis li hemm bżonn li r-regoli jiġu ssimplifikati, u temmen li jeħtieġ li l-Kummissjoni tiegħu aktar azzjoni biex tnaqqas il-piż amministrattiv fuq in-negozji. L-Iżvezja tilqa' l-fatt li jidher li l-Parlament Ewropew huwa tal-istess fehma. Jeħtieġ li jsiru bidliet abbażi ta' proposti vvalutati għall-impatt tagħhom li ma jikkawżawx distorsjoni fil-kompetizzjoni jew inkella joħlqu riskju ta' preġudizzji. Inġenerali għad hemm il-problema li, minħabba r-Regolament, in-negozji qed iħabbtu wiċċhom ma' piż amministrattiv sproporzjonalment għoli sabiex jevitaw sanzjonijiet sproporzjonalment severi jew konsegwenzi ekonomiċi sproporzjonalment negattivi. Jeħtieġ li d-dispożizzjonijiet tar-Regolament u l-applikazzjoni tiegħu jkunu aktar proporzjonati f'termini kemm tal-piż amministrattiv kif ukoll tal-penali, inkluż rigward l-irtirar ta' prodotti mibjugħa bl-ingrossa. L-Iżvezja tkompli temmen li Regolament aktar funzjonali u b'kamp ta' applikazzjoni aktar ristrett jikkontribwixxi aktar għal żvilupp globali sostenibbli. Madankollu, billi l-kalendarju propost għall-implimentazzjoni huwa aħjar mis-sitwazzjoni attwali, l-Iżvezja tappoġġa l-posponiment tal-applikazzjoni. L-Iżvezja tilqa' l-impenn tal-Kummissjoni li tnaqqas il-piżijiet amministrattivi, kif esprimiet fil-kuntest tat-trilogu, u thegġegħ lill-Kummissjoni tagħmel l-almu tagħha fil-qafas tar-Regolament eżistenti u twettaq rieżami bil-ħsieb li tissimplifika l-qafas regolatorju qabel l-2028. Dan ir-rieżami għandu janalizza wkoll il-possibbiltà ta' aktar simplifikazzjoni għal komoditajiet u prodotti minn pajjiżi jew partijiet minn pajjiżi b'riskju baxx ta' deforestazzjoni u degradazzjoni tal-foresti.

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni tibqa' impenjata li tnaqqas il-piż fuq in-negozji billi tnaqqas ir-rekwiżiti amministrattivi u telimina l-piżijiet burokratiċi mhux meħtieġa.

Biex jinkiseb dan fir-rigward tar-Regolament (UE) 2023/1115, il-Kummissjoni ser ttiprovdi aktar kjarifiki u tesplora simplifikazzjonijiet addizzjonali, u tissimplifika l-obbligi ta' rapportar u ta' dokumentazzjoni, biex iżżommhom għall-minimu meħtieġ, f'konformità sħiħa mal-oġettivi tar-Regolament. Għal dan l-għan u biex tindirizza dawn il-kwistjonijiet, il-Kummissjoni ser tippubblika edizzjoni aġġornata tal-Linji Gwida u l-Mistoqsijiet Frekwenti. Il-Kummissjoni ser tkompli wkoll twieġeb għall-feedback mill-partijiet ikkonċernati u mill-Istati Membri, filwaqt li tassisti lin-negozjanti u lill-operaturi fl-implimentazzjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-obbligu li jiġu ppreżentati dikjarazzjonijiet ta' diliġenza dovuta tul il-katina tal-valur.

Sabiex in-negozjanti u l-operaturi, f'kollaborazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti, ikunu f'pożizzjoni li jissodisfaw ir-rekwiżiti tar-Regolament, il-Kummissjoni qed tipprijoritizza l-operazzjonalizzazzjoni tas-Sistema ta' Informazzjoni. Il-kategorizzazzjoni tal-valutazzjoni komparattiva tar-riskju hija wkoll kruċjali biex tiġi żgurata l-prevedibbiltà fl-applikazzjoni tar-Regolament għall-operaturi, għan-negozjanti, għall-pajjiżi produttori u għall-awtoritajiet kompetenti. Il-Kummissjoni timpenja ruħha bis-sħiħ biex tiżgura li kemm is-Sistema ta' Informazzjoni kif ukoll il-proposta għall-klassifikazzjoni tar-riskji għandhom ikunu disponibbli malajr kemm jista' jkun iżda mhux aktar tard minn 6 xhur qabel jibda japplika r-Regolament.

Fil-kuntest tar-rieżami ġenerali tar-Regolament, mistenni mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2028, il-Kummissjoni ser tanalizza, fejn xieraq u abbażi ta' valutazzjoni tal-impatt, miżuri addizzjonali biex tissimplifika u tnaqqas il-piż amministrattiv. Din l-analiżi ser tinkludi l-ħtieġa għal rekwiżiti mnaqqsa, u l-fattibbiltà tagħhom, fir-rigward ta' sorsi minn pajjiżi u partijiet minnhom li kisbu riżultati pożittivi f'konformità mal-oġettivi tar-Regolament.